31997D0345

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Frar 1997

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll supplimentari li jittratta dwar materji veterinarji għall-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipalità ta' Andorra

(97/345/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Protokoll fuq materji veterinarji li jissuplimenta il Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipalita' ta' l-Andorra, inizjalat fit-18 ta' Ġunju 1996, għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll fuq materji veterinarji li jissuplimenta il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipalita' ta' Andorra huwa approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jindika l-persuni mgħotija s-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jintrabat għan-nom tal-Komunità, li jagħmel in-notifika prevvista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll ([1]).

Artikolu 4

Il-Kummissjoni, assistita minn rappreżentanti tas-servizzi veterinarji ta' l-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-grupp ristrett veterinarju stabbilit mill-Artikolu 2 tal-Protokoll.

Il-pożizzjoni tal-Komunità fil-Kumitat Konġunt dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ristrett veterinarju ghandha tkun stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi b' maġġoranza kkwalifikata.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul f' Brussel, fis-17 ta' Frar 1997.

Għall Kunsill

Il-President

G. ZALM

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.